# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum - Mejju 2003

# RELIĠJON

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

**L-Għan ta' l-Eżami**

Il-karta ta' l-eżami maħduma skond is-sillabu hija ħafna qrib l-istudenti, kemm f'dak li hu lingwa u kontenut, kif ukoll imżejna bi stampi biex jagħmluha attraenti.
L-iskop prinċipali ta' din il-karta kien li jġiegħel lill-istudenti jaħsbu fuq it-twemmin tagħhom bħala esperjenza tal-ħajja nisranija ta' kuljum.
Ħafna kienu l-istudenti li wrew ħeġġa kbira biex juru dak kollu li jafu b'mod akkademiku. Kien hemm ukoll xi uħud li rriflettew il-fidi tagħhom fil-ħajja ta' kuljum.

**A: Mistoqsija: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet : Lezzjonijiet 1 u 2**

Dan l-eżerċizzju ried iwassal lill-istudenti jħarsu lejn il-ħolqien bħala don t'Alla. L-aħħar mistoqsijiet riedu jagħfsu fuq il-fatt illi kull ħaġa tajba ġejja minn Alla u ta' dan għandna nirringrazzjawh.
Il-biċċa l-kbira tat-tfal irrispondew għal dan l-eżerċizzju b'mod ġenerali u kienu ftit dawk li raw il-ħolqien bħala don t'Alla. F'ħafna tweġibiet it-tfal irringrazzjaw lil Alla għal favuri u affarijiet żgħar li rċevew, (eż. 'talli ommi xtratli ġelat, komputer'), aktar opri tal-bniedem milli ħolqien t'Alla.

**B: Mistoqsija: L-Istorja ta' Emmaws : Lezzjonijiet 17, 18 u 20**

L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li jgħaqqad flimkien il-Misteru ta' l-Għid ma' l-Ewkaristija. L-eżerċizzju kien fuq l-istorja ta' Emmaws.
Xi studenti ħawdu fil-mistoqsija fejn jinsab dan ir-rakkont. Jidher li hemm konfużjoni bejn Bibbja, Vanġelu, Antik Testment u Profeti. Kwantità kbira ta' studenti ma jafux li trid tkun sajjem siegħa qabel titqarben.

**Ċ: Mistoqsija: Fuq il-Festi u s-Sena Liturġika : Lezzjoni 6**

Dan l-eżerċizzju kien mibni fuq kemm jafu (knowledge). L-istudenti sabuh faċli u kulħadd kważi ġab il-marki kollha. Dawk li ma ġabux il-marki kollha sabu diffikultà fuq il-kuluri ta' l-ilbies tas-sena liturġika u xi tfisser 'Pentekoste'.

**D: Mistoqsija: Tqabbel A u B : Lezzjonijiet 12 u 13**

L-eżerċizzju, mibni fuq tagħrif (kemm jafu), ġie maqsum fi tnejn u l-istudenti sabuh faċli. Xi studenti sabu diffiċli l-ewwel parti li kienet titkellem fuq il-Knisja. It-tieni parti ta' dan l-eżerċizzju, li kienet fuq San Pawl, il-maġġoranza ta' l-istudenti għamluha tajjeb.

**E: Mistoqsija: Is-Sagramenti : Lezzjonijiet 3, 15 u 21**

L-istudenti ntalbu jiktbu żewġ sentenzi fuq l-effett ta' ħames Sagramenti. Il-maġġoranza kitbu kelma b'kelma dak li ftakru bl-amment mill-ktieb. Sabu dan l-eżerċizzju tqil. Kwantità kbira ta' studenti ħawdu s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri ma' dak taż-Żwieġ. Ħafna kitbu li l-Ordni Sagri jingħata lis-sorijiet. Ħafna studenti jaraw il-Qrar bħala stqarrija u mhux bħala maħfra tad-dnubiet.

Kien hemm grupp mhux ħażin li ddeskrivew ir-rit aktar milli l-effett tas-sagrament. L-istudenti sabu dan l-eżerċizzju tqil ħafna.

**F: Mistoqsija: Il-ħajja nisranija : mifruxa fuq il-lezzjonijiet kollha.**

It-tfal urew ċar li jafu x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin fil-ħajja ta' kuljum. Kwantità kbira ta' tfal iħossu l-bżonn li jqerru meta jidgħu, iżda meta jisirqu jew jigdbu fuq sħabhom ma jħossux il-ħtieġa li jqerru.
Kważi l-istudenti kollha jafu li għandek trodd dak li sraqt u meta jigdbu jħossu li għandhom jistqarru dan ma' sħabhom, imma ma jħossux li għandhom imorru jqerru. Fit-tweġibiet tagħhom tissemma ħafna l-espressjoni "immur nugżahom."

**Ġ: Mistoqsija: Sensibilità lejn il-problemi ta' l-oħrajn.**

Din l-istorja kienet meħuda minn ktieb tat-tfal u turi li għandna jkollna sensibilità għall-problemi ta' madwarna. Għandna wkoll nindunaw li huma ħafna n-nies madwarna li jgħinu lilna u ta' dan għandna nkunu grati.
Fit-tweġibiet tagħhom urew ftit immaġinazzjoni u baqgħu magħluqin fl-egoiżmu tagħhom. Meta ntalbu jsemmu favuri li rċevew, it-tweġibiet tagħhom kienu li rringrazzjaw lil Alla ta' meta sħabhom selfulhom xi lapes jew gomma. Ma kinux kapaċi jaraw il-ġid kbir li l-ġenituri tagħhom, l-għalliema u persuni oħra jagħtuhom kuljum. Jidher ċar fit-tweġibiet tagħhom li l-istudenti jippretendu bi dritt ħafna ħwejjeġ u għalhekk ma jħossux il-ħtieġa li jirringrazzjaw lil xi ħadd.

**G: Mistoqsija: Imla l-vojt**

Dan l-eżerċizzju l-istudenti sabuh faċli ħafna għax il-kliem li kellhom jimlew kien mogħti fuq.
Xi studenti ħawdu l-kliem bejn 'Alla' u 'Ġesù', u bejn 'il-Lvant' u 'Eġittu'.

**GĦ: Mistoqsija: San Pawl**

F'din il-mistoqsija l-istudenti ntalbu jiktbu ħames sentenzi fuq il-miġja ta' San Pawl f'Malta.
Ħafna studenti ntilfu fit-tweġibiet tagħhom fuq ċerti dettalji (lifgħa, kemm kien hemm nies…) u ħallew barra r-raġuni għalfejn San Pawl ġie Malta. Hekk tilfu l-essenza ta' l-istorja ta' San Pawl li l-miġja tiegħu ġabet il-fidi ta' Kristu f'Malta u l-bidu tal-Knisja fil-gżejjer tagħna.

**H: Mistoqsija: Kompli dan it-talb.**

L-istudenti ntalbu jkomplu bi ftit kliem xi talb li ngħidu kuljum. Għalkemm qed nagħmlu enfasi biex l-istudenti ma jitgħallmux bl-amment, hu sewwa li jkunu jafu xi jfisser dan it-talb li ngħidu kuljum fil-komunità. Ħafna urew li m'humiex jifhmu dak li jgħidu f'dan it-talb. Eż. Lill-Madonna għamluha Omm l-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll ħafna tħawdu fit-tieni parti tal-Glorja.

**Kummenti Ġenerali**

Għadd kbir ta' studenti ġabu marki għoljin u kienu biss dawk it-tfal li jbatu fl-ortografija li batew biex jirrispondu l-mistoqsijiet kollha. Ħafna tfal ma jafux jesprimu ruħhom sewwa u dan ġej minn nuqqas ta' komunikazzjoni, probabilment mill-familja. Tinnota li fit-talb spontanju tagħhom it-tfal kważi qatt ma jinkludu suġġetti bħall-maħfra u r-ringrazzjament ta' affarijiet kbar li jirċievu.
Dan l-eżami wera li t-tfal f'din l-età għandhom ħeġġa kbira għat-tagħlim reliġjuż u jitgħallmu ħafna affarijiet bl-amment mingħajr ma jkunu jafu dejjem x'inhuma jgħidu. Iżda għadhom ma jafux japplikaw għall-ħajja ta' kuljum dak li tgħallmu. Għalhekk l-għalliema għandhom jagħmlu kull sforz biex dak li tgħallmu t-tfal (knowledge) jgħallmuhom jipprattikawh fil-ħajja ta' kuljum.